SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tmien Awla)

8 ta' Mejju 2025 *

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Protezzjoni tal-konsumatur – Kuntratt ta' kreditu għall-konsum – Direttiva 93/13/KEE – Klawżoli inġusti fil-kuntratti konklużi mal-konsumaturi – Artikolu 3(1) – Klawżola ta' skadenza anticipata – Stħarriġ ġudizzjarju – Nuqqas ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li tirregola l-klawżola ta' skadenza anticipata – Kriterji għall-evalwazzjoni tan-natura inġusta"

Fil-Kawżi magħquda C-6/24 u C-231/24,

li għandhom bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Juzgado de Primera Instancia nº 8 de La Coruña (il-Qort tal-Ewwel Istanza Nru 8 ta' La Coruña, Spanja), permezz tad-deċiżjonijiet tad-19 ta' Diċembru 2023 u tas-26 ta' Frar 2024, li waslu fil-Qorti tal-Ġustizzja fl-4 ta' Jannar u fis-26 ta' Marzu 2024, fil-proċeduri

Abanca Corporación Bancaria, SA

vs

WE (C-6/24),

VX (C-231/24),

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tmien Awla),

komposta minn S. Rodin (Relatur), President tal-Awla, N. Piçarra u N. Fenger, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: D. Spielmann,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal Abanca Corporación Bancaria, SA, minn M. Á. Cepero Aránguez, J. M. Martínez Gimeno u M. C. Vendrell Cervantes, abogados,

– għall-Gvern Spanjol, minn P. Pérez Zapico, bħala aġent,

* Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol.

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn I. Galindo Martín u P. Kienapfel, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni meħuda, wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 3(1) u tal-Artikolu 7 tad-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 288, rettifika fil-ĠU 2023, L 17, p. 100).

2 Dawn it-talbiet tressqu fil-kuntest ta' tilwima bejn Abanca Corporación Bancaria SA, stabbiliment bankarju rregolat mid-dritt Spanjol, u l-konsumaturi, WE, fil-Kawża C-6/24, u VX, fil-Kawża C-231/24, dwar in-natura allegatament inġusta ta' klawżola ta' skadenza antiċipata (acceleration clause) f'kuntratti ta' self personali konklużi bejn dawn il-partijiet.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

3 Skont l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 93/13:

"Klawżola kuntrattwali li ma tkunx ġiet negozjata individwalment għandha titqies inġusta jekk, kontra l-ħtieġa ta' buona fede, tkun tikkawża żbilanċ sinifikanti fid-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet li joħorġu mill-kuntratt, bi ħsara għall-konsumatur."

4 L-Artikolu 4 ta' din id-direttiva jipprevedi:

"1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 7, il-karattru inġust ta' klawżola kuntrattwali għandu jiġi stmat, billi titqies in-natura tal-merkanzija jew servizzi li għalihom ikun kien konkluż il-kuntratt u ssir referenza, filwaqt li jiġi konkluż il-kuntratt, għaċ-ċirkostanzi kollha preżenti waqt il-konklużjoni tal-kuntratt u għall-klawżoli l-oħra kollha tal-kuntratt jew ta' kuntratt ieħor li jiddependi fuqu,

2. L-istima tan-natura inġusta tal-klawżoli la għandha tirrelata mad-definizzjoni tas-suġġett prinċipali tal-kuntratt u lanqas mal-adegwatezza tal-prezz u r-remunerazzjoni, fuq naħa waħda, meta mqabbla mas-servizzi jew il-merkanzija provduti bi tpartit, fuq in-naħa l-oħra, safejn dawn il-klawżoli jkunu f'lingwaġġ sempliċi u ċar."

5 L-Artikolu 7(1) tal-imsemmija direttiva huwa fformulat kif ġej:

"L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fl-interessi tal-konsumaturi u l-kompetituri, jeżistu mezzi adegwati u effettivi biex jipprevjenu li jibqgħu jintużaw klawżoli inġusti f'kuntratti konklużi mal-konsumaturi mill-bejjiegħa jew fornituri."

Id-dritt Spanjol

6 L-Artikolu 693(2) tal-Ley 1/2000 de Enjuiciamiento Civil (il-Liġi 1/2000 dwar il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili) tas-7 ta' Jannar 2000 (BOE Nru 7, tat-8 ta' Jannar 2000, p. 575), kif emendata bil-Ley 42/2015 de reforma de la Ley 1/2000 (il-Liġi 42/2015 li temenda l-Liġi 1/2000) tal-5 ta' Ottubru 2015 (BOE Nru 239, tas-6 ta' Ottubru 2015), li tirrigwarda l-eżiġibbiltà antiċipata tad-djun bi ħlas frazjonat jipprovdi:

"L-ammont totali dovut bħala kapital u bħala interessi jista' jintalab skont il-kundizzjonijiet miftiehma fl-att li jikkostitwixxi s-self u rreġistrat fir-reġistru korrispondenti. Fil-każ ta' self jew ta' kreditu konkluż minn persuna fiżika u ggarantit b'ipoteka fuq immobbli residenzjali jew li l-għan ta' dak is-self jew kreditu jkun ix-xiri ta' beni immobbli għal użu residenzjali, id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 24 tal-Liġi 5/2019, li jirregolaw il-kuntratti ta' kreditu immobiljari, għandhom japplikaw u, jekk ikun il-każ, għandu japplika wkoll l-Artikolu 129a tal-Liġi Ipotekarja."

7 L-Artikolu 24 tal-Ley 5/2019 reguladora de los contratos de crédito inmobiliario (il-Liġi 5/2019 li tirregola l-Kuntratti ta' Kreditu Immobiljari) tal-15 ta' Marzu 2019 (BOE Nru 65 tas-16 ta' Marzu 2019) huwa fformulat kif ġej:

"1. Fil-kuntratti ta' self fejn il-mutwatarju, il-fideiussur (fiador) jew il-garanti (garante) tagħhom ikunu persuna fiżika u li jkunu ggarantiti b'ipoteka jew b'garanzija *in rem* oħra fuq beni immobbli għal użu residenzjali jew intiżi sabiex jiġu akkwistati jew jinżammu drittijiet ta' proprjetà fuq artijiet jew immobbli għal użu residenzjali li jkunu nbnew jew li jkunu sejrin jinbnew, il-mutwatarju jitlef il-benefiċċju tat-terminu u l-eżiġibbiltà antiċipata tal-kuntratt isseħħ meta jkunu ssodisfatti l-kundizzjonijiet kumulattivi li ġejjin:

(a) il-mutwatarju jkun inadempjenti fil-ħlas ta' parti mill-kapital tas-self jew tal-imgħax;

(b) l-ammont tal-pagamenti mensili li jkunu skadew u li ma jkunux tħallsu għandu jkun mill-inqas:
   i. tlieta fil-mija tal-ammont tal-kapital mogħti, jekk l-inadempjenza tkun seħħet fl-ewwel nofs tal-perijodu tas-self. Din il-kundizzjoni titqies li tkun issodisfatta meta l-pagamenti mensili li jkunu skadew u li ma jkunux tħallsu jkunu jikkorrispondu għan-nuqqas ta' ħlas ta' tnax-il pagament mensili jew ta' numru ta' pagamenti mensili b'mod li jkun ifisser li d-debitur ikun naqas mill-obbligu tiegħu għal perijodu ekwivalenti għal, tal-inqas, tnax-il xahar;
   ii. sebgħa fil-mija tal-ammont tal-kapital mogħti, jekk l-inadempjenza tkun seħħet fit-tieni nofs tal-perijodu tas-self. Din il-kundizzjoni titqies li tkun issodisfatta meta l-pagamenti mensili li jkunu skadew u li ma jkunux tħallsu jkunu jikkorrispondu għan-nuqqas ta' ħlas ta' ħmistax-il pagament mensili jew ta' numru ta' pagamenti mensili b'mod li jkun ifisser li d-debitur ikun naqas mill-obbligu tiegħu għal perijodu ekwivalenti għal, tal-inqas, ħmistax-il xahar;

(c) il-mutwant ikun intima lill-mutwatarju għall-ħlas billi jagħtih żmien ta' mill-inqas xahar sabiex jadempixxi ruħu u billi javżah li, fin-nuqqas ta' dan, huwa jkun ser jitlob ir-rimbors sħiħ tal-ammont dovut taħt il-kuntratt ta' self.

2. Ma tista' ssir ebda deroga mir-regoli ta' dan l-artikolu permezz ta' ftehimiet kuntrarji."

Il-kawżi prinċipali u d-domandi preliminari

8 Fil-5 ta' Lulju u fil-15 ta' Settembru 2022, WE u VX ikkonkludew kuntratt ta' self personali ma' Abanca Corporación Bancaria, tal-ewwel fl-ammont ta' EUR 10 600 rimborsabbli fuq medda ta' ħames snin u tat-tieni fl-ammont ta' EUR 6 000 rimborsabbli fuq medda ta' tmien snin.

9 Skont il-klawżola Nru 13 tal-kundizzjonijiet ġenerali ta' dawn il-kuntratti ta' self (iktar 'il quddiem il-"klawżola kontenzjuża"), l-istabbiliment bankarju jista', fil-każ ta' nuqqas ta' ħlas, jiddikjara l-iskadenza antiċipata tal-kuntratt ta' self u jirrendi immedjatament eżiġibbli s-somom dovuti.

10 Huwa ppreċiżat fil-klawżola kontenzjuża li n-nuqqas ta' ħlas iseħħ meta jkunu ssodisfatti tliet kundizzjonijiet kumulattivi. L-ewwel nett, il-mutwatarju jkun responsabbli għal parti mill-kapital misluf jew tal-interessi. It-tieni nett, l-ammont tal-pagamenti mensili li jkunu skadew u li ma jkunux tħallsu jkun jammonta għal mill-inqas 3 % tal-kapital misluf meta n-nuqqas ta' ħlas iseħħ fl-ewwel nofs tal-perijodu tas-self jew għal mill-inqas 7 % ta' dan tal-aħħar meta n-nuqqas iseħħ matul it-tieni nofs tal-perijodu tas-self. It-tielet nett, il-mutwatarju għandu jkun ġie intimat, mill-istabbiliment bankarju, sabiex iħallas is-somom dovuti fi żmien xahar.

11 Wara li ddikjarat l-iskadenza antiċipata skont il-klawżola kontenzjuża, Abanca Corporación Bancaria ppreżentat żewġ rikorsi għal ordni ta' ħlas quddiem il-Juzgado de Primera Instancia nº 8 de La Coruña (il-Qorti tal-Ewwel Istanza Nru 8 ta' La Coruña, Spanja), li hija l-qorti tar-rinviju, kontra WE u VX.

12 Dik il-qorti għandha dubji dwar il-konformità tal-klawżola kontenzjuża mad-Direttiva 93/13 fid-dawl tas-sentenzi tal-14 ta' Marzu 2013, Aziz (C-415/11, EU:C:2013:164, punt 73) u tas-26 ta' Jannar 2017, Banco Primus (C-421/14, EU:C:2017:60, punti 66 u 67), li fihom il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li fost il-fatturi li jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni sabiex tiġi evalwata n-natura inġusta ta' tali klawżola hemm l-eżistenza ta' mezzi, fil-leġiżlazzjoni nazzjonali, li jippermettu lill-konsumatur jevita l-eżiġibbiltà antiċipata tas-self jew li jirrimedja l-effetti ta' din tal-aħħar, li ma huwiex il-każ fid-dritt Spanjol li jirregola l-kuntratti ta' self personali, bħalma huma dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali. Madankollu, il-klawżola kontenzjuża f'dawn il-kuntratti tal-aħħar tagħti din il-possibbiltà lill-mutwatarju, simili għal dak previst fil-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli għall-kuntratti ta' self ipotekarju. Barra minn hekk, hija tistaqsi jekk terminu ta' xahar sabiex jitħallas is-saldu tas-self, bħal dak stipulat f'din il-klawżola, huwiex biżżejjed sabiex effettivament jippermetti lill-konsumatur jevita l-eżiġibbiltà antiċipata tas-self jew iċaħħad lil din tal-aħħar minn kull effett wara d-dikjarazzjoni tagħha.

13 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Juzgado de Primera Instancia nº 8 de La Coruña (il-Qorti tal-Ewwel Istanza Nru 8 ta' La Coruña) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) Klawżola ta' skadenza antiċipata li tipprevedi l-possibbiltà li l-eżiġibbiltà antiċipata tas-self tiġi evitata jew innewtralizzata f'terminu partikolari, hija konformi mal-Artikoli 3(1) u 7 tad-[Direttiva 93/13], jew din il-possibbiltà għandha tiġi rrikonoxxuta f'regola tad-dritt nazzjonali speċifika?

2) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għad-domanda preċedenti, x'ikun terminu raġjonevoli?"

14 Permezz ta' deċiżjoni tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-26 ta' April 2024, il-Kawżi C-6/24 u C-231/24 ingħaqdu flimkien għall-finijiet tal-fażi bil-miktub u dik orali tal-proċedura, kif ukoll għall-finijiet tas-sentenza.

Fuq id-domandi preliminari

Fuq l-ewwel domanda

15 Preliminarjament, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, fil-proċedura ta' kooperazzjoni bejn il-qrati nazzjonali u l-Qorti tal-Ġustizzja stabbilita fl-Artikolu 267 TFUE hija din tal-aħħar li għandha tagħti lill-qorti nazzjonali risposta utli li tgħinha taqta' u tiddeċiedi t-tilwima li jkollha quddiemha. F'dan is-sens, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha, jekk ikun hemm bżonn, tifformula mill-ġdid id-domandi li jkunu sarulha (sentenza tas-7 ta' Novembru 2024, ERB New Europe Funding II, C-178/23, EU:C:2024:943, punt 26 u l-ġurisprudenza ċċitata).

16 F'dan ir-rigward, għandu jiġi ppreċiżat li, fil-kuntest tal-proċeduri fil-kawża prinċipali, il-qorti tar-rinviju stħarrġet *ex officio* jekk il-klawżola kontenzjuża, li l-applikazzjoni tagħha wasslet għat-talbiet għal ordni ta' ħlas imressqa quddiemha, hijiex inġusta jew le. Id-dubji ta' dik il-qorti ma humiex dwar l-eżistenza ta' mezzi ġudizzjarji sabiex jitwaqqaf l-użu ta' klawżoli inġusti, fid-dawl tal-Artikolu 7 tad-Direttiva 93/13, iżda dwar il-klassifikazzjoni stess ta' dawn il-klawżoli bħala inġusti, fis-sens tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 93/13.

17 Barra minn hekk, sabiex tingħata risposta utli lill-qorti tar-rinviju, għandu jitqies li, permezz tal-ewwel domanda tagħha, dik il-qorti qiegħda essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 93/13 għandux jiġi interpretat fis-sens li, għall-finijiet tal-evalwazzjoni dwar jekk klawżola ta' skadenza antiċipata f'kuntratt ta' self personali tkunx inġusta jew le, jista' jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li din il-klawżola tkun tippermetti lill-konsumatur jevita l-eżiġibbiltà antiċipata tas-self jew jirrimedja l-effetti ta' din tal-aħħar, jew jekk din il-possibbiltà għandhiex tkun prevista f'dispożizzjoni legali nazzjonali li tkun tapplika speċifikament għall-kuntratti ta' self personali.

18 Sabiex tingħata risposta għal din id-domanda, għandu jitfakkar li skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, is-sistema ta' protezzjoni implimentata fid-Direttiva 93/13 hija msejsa fuq l-idea li l-konsumatur jinsab f'pożizzjoni dgħajfa meta mqabbel mal-kummerċjant kemm f'dak li għandu x'jaqsam mas-setgħa ta' negozjazzjoni, kif ukoll mal-livell ta' għarfien (sentenza tat-18 ta' Jannar 2024, Getin Noble Bank *et* (Stħarriġ *ex officio* tan-natura inġusta tal-klawżoli), C-531/22, EU:C:2024:58, punt 63).

19 Skont l-Artikolu 3(1) ta' din id-direttiva, klawżola f'kuntratt li ma tkunx ġiet innegozjata individwalment għandha titqies li tkun inġusta meta, bi ksur tar-rekwiżit ta' *bona fide*, tkun toħloq, bi ħsara tal-konsumatur ikkonċernat, żbilanċ sinjifikattiv bejn id-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet li jkunu jirriżultaw minn dan il-kuntratt, filwaqt li, skont l-Artikolu 6(1) tal-imsemmija direttiva, tali klawżola inġusta ma tkunx torbot lil dan il-konsumatur.

20 F'dan il-kuntest, u bil-għan li jiġi żgurat il-livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi stipulat fl-Artikolu 38 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, il-qorti nazzjonali għandha tevalwa, anki *ex officio*, in-natura inġusta ta' klawżola kuntrattwali li tkun taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 93/13 u, b'dan il-mod, tikkumpensa għall-iżbilanċ li jkun jeżisti bejn il-konsumatur u l-kummerċjant, kemm-il darba hija jkollha l-punti ta' dritt u ta' fatt neċessarji

għal dan il-għan. F'dan ir-rigward, l-Artikolu 3(1) u l-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 93/13 jiddefinixxu, fl-intier tagħhom, il-kriterji ġenerali li jippermettu lill-qorti nazzjonali tevalwa n-natura inġusta tal-klawżoli kuntrattwali suġġetti għad-dispożizzjonijiet ta' din tal-aħħar (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-9 ta' Novembru 2023, Všeobecná úverová banka, C-598/21, EU:C:2023:845, punti 74 u 75).

21 Billi jirreferi għall-kunċetti ta' "buona fede" u ta' "żbilanċ sinjifikattiv" bi ħsara tal-konsumatur bejn id-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet li jkunu jirriżultaw mill-kuntratt, l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 93/13 jiddefinixxi biss b'mod astratt il-fatturi li jirrendu inġusta klawżola kuntrattwali li ma tkunx ġiet innegozjata individwalment (sentenza tad-9 ta' Novembru 2023, Všeobecná úverová banka, C-598/21, EU:C:2023:845, punt 76).

22 Fir-rigward tal-kwistjoni dwar iċ-ċirkustanzi li taħthom jinħoloq żbilanċ sinjifikattiv "kontra l-ħtieġa ta' buona fede", il-qorti nazzjonali għandha, fid-dawl tas-sittax-il premessa tad-Direttiva 93/13, tivverifika, f'dan is-sens, jekk il-kummerċjant, huwa u jinnegozja mal-konsumatur b'mod leali u ġust, ikunx seta' raġonevolment jistenna li dan tal-aħħar jaċċetta tali klawżola wara negozjati individwali (sentenza tad-9 ta' Novembru 2023, Všeobecná úverová banka, C-598/21, EU:C:2023:845, punt 78).

23 Barra minn hekk, skont l-Artikolu 4(1) ta' din id-direttiva, in-natura inġusta ta' klawżola kuntrattwali għandha tiġi evalwata billi tittieħed inkunsiderazzjoni n-natura tal-oġġetti jew tas-servizzi li jkunu s-suġġett tal-kuntratt u billi jsir riferiment, fil-mument tal-konklużjoni tal-kuntratt, għaċ-ċirkostanzi kollha tal-konklużjoni tiegħu kif ukoll għall-klawżoli l-oħra kollha tal-imsemmi kuntratt jew ta' kuntratt ieħor li l-imsemmi kuntratt jkun jiddependi minnu (sentenza tad-9 ta' Novembru 2023, Všeobecná úverová banka, C-598/21, EU:C:2023:845, punt 79).

24 Fil-punt 66 tas-sentenza tas-26 ta' Jannar 2017, Banco Primus (C-421/14, EU:C:2017:60), liema sentenza ma kinitx tirrigwarda kuntratt ta' self personali, iżda kuntratt ta' self ipotekarju għal żmien twil, il-Qorti tal-Ġustizzja essenzjalment iddeċidiet li, sabiex jiġi ddeterminat jekk klawżola kuntrattwali tkunx toħloq żbilanċ sinjifikattiv bi ħsara tal-konsumatur, fis-sens tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 93/13, il-qorti nazzjonali għandha teżamina b'mod partikolari jekk il-possibbiltà mogħtija lill-kummerċjant li jiddikjara eżiġibbli s-self kollu tkunx tiddependi min-nuqqas ta' eżekuzzjoni min-naħa tal-konsumatur ta' obbligu essenzjali fil-kuntest tar-relazzjoni kuntrattwali inkwistjoni, jekk din il-possibbiltà tkunx prevista għall-każijiet li fihom tali nuqqas ta' eżekuzzjoni jkun gravi biżżejjed fid-dawl tat-tul u tal-ammont tas-self, jekk l-imsemmija possibbiltà tkunx tidderoga mir-regoli tad-dritt komuni applikabbli fil-qasam fin-nuqqas ta' dispożizzjonijiet kuntrattwali speċifiċi u jekk id-dritt nazzjonali jkunx jagħti lill-konsumatur mezzi adegwati u effettivi li jippermettulu, meta dan tal-aħħar ikun suġġett għall-applikazzjoni ta' tali klawżola, jirrimedja l-effetti tal-eżiġibbiltà tas-self.

25 Barra minn hekk, fil-punt 35 tas-sentenza tat-8 ta' Diċembru 2022, Caisse régionale de Crédit mutuel de Loire-Atlantique u du Centre Ouest (C-600/21, EU:C:2022:970), il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li dawn il-kriterji ma jistgħux jiġu interpretati bħala kumulattivi jew alternattivi, iżda bħala li jagħmlu parti miċ-ċirkustanzi kollha tal-konklużjoni tal-kuntratt ikkonċernat li l-qorti nazzjonali għandha teżamina sabiex tevalwa n-natura inġusta ta' klawżola kuntrattwali, fis-sens tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 93/13.

26 F'dan il-każ, kif tindika l-qorti tar-rinviju, il-leġiżlazzjoni Spanjola tkopri l-klawżoli ta' skadenza antiċipata f'kuntratti ta' self ipotekarju iżda mhux ukoll f'kuntratti ta' self personali. Madankollu, il-klawżola kontenzjuża fil-kuntratti ta' self inkwistjoni fil-kawża prinċipali tipprevedi mezz għall-konsumatur sabiex jevita l-eżiġibbiltà antiċipata tas-self jew sabiex jirrimedja l-effetti tagħha, billi jħallas is-somom li jkunu għadhom dovuti taħt il-kuntratt ta' self fi żmien xahar wara l-intimazzjoni nnotifikata mill-istabbiliment bankarju, simili għal dak previst f'din il-leġiżlazzjoni li tirrigwarda l-kuntratti ta' self ipotekarju.

27 Skont il-ġurisprudenza mfakkra fil-punti 24 u 25 ta' din is-sentenza, hija l-qorti nazzjonali li għandha tiddetermina jekk klawżola ta' skadenza antiċipata tkunx toħloq żbilanċ sinjifikattiv bi ħsara tal-konsumatur, fis-sens tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 93/13, u dan fid-dawl ta' varji kriterji, fosthom l-eżistenza ta' mezzi adegwati u effettivi li jippermettu lill-konsumatur jevita l-applikazzjoni ta' din il-klawżola jew jirrimedja l-effetti ta' din tal-aħħar. Issa, il-fatt li l-mezzi li jippermettu li jintlaħaq tali riżultat ikunu previsti fil-klawżola kuntrattwali ta' skadenza antiċipata nnifisha u mhux f'dispożizzjoni legali nazzjonali li tkun tapplika speċifikament għall-kuntratti inkwistjoni fil-kawża prinċipali huwa irrelevanti u, fi kwalunkwe każ, ma jistax jirrendi din il-klawżola kuntrattwali inġusta fis-sens tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 93/13.

28 Fid-dawl tar-raġunijiet premessi, ir-risposta għall-ewwel domanda għandha tkun li l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 93/13 għandu jiġi interpretata fis-sens li, għall-finijiet tal-evalwazzjoni dwar jekk klawżola ta' skadenza antiċipata f'kuntratt ta' self personali tkunx inġusta jew le, għandu jkun jista' jittieħed inkunsiderazzjoni li din il-klawżola tkun tippermetti lill-konsumatur jevita l-eżiġibbiltà antiċipata tas-self jew jirrimedja l-effetti ta' din tal-aħħar, mingħajr ma din il-possibbiltà jkollha għalfejn tkun prevista f'dispożizzjoni legali nazzjonali li tkun tapplika speċifikament għall-kuntratti ta' self personali.

Fuq it-tieni domanda

29 Permezz tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju qiegħda essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 93/13 għandux jiġi interpretat fis-sens li l-possibbiltà kuntrattwali mogħtija lill-konsumatur li jħallas is-somom li jkunu għadhom dovuti taħt il-kuntratt ta' self f'perijodu stipulat ta' xahar, liema perijodu jibda jiddekorri mill-intimazzjoni mibgħuta mill-istabbiliment bankarju, tikkostitwixxi mezz adegwat u effettiv li jippermetti lil dan il-konsumatur jevita l-applikazzjoni tal-klawżola ta' skadenza antiċipata tal-kuntratt ta' self personali jew jirrimedja l-effetti ta' din tal-aħħar.

30 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-qasam tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "klawżola inġusta", imsemmi fl-Artikolu 3(1) ta' din id-direttiva u fl-anness tagħha, kif ukoll il-kriterji li l-qorti nazzjonali tista' jew għandha tapplika hija u teżamina klawżola kuntrattwali fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tal-imsemmija direttiva, iżda hija din il-qorti tal-aħħar li għandha tiddeċiedi, billi tieħu inkunsiderazzjoni dawn il-kriterji, jekk klawżola kuntrattwali partikolari tkunx tabilħaqq inġusta fiċ-ċirkustanzi speċifiċi tal-każ ineżami (sentenza tat-8 ta' Diċembru 2022, Caisse régionale de Crédit mutuel de Loire-Atlantique u du Centre Ouest, C-600/21, EU:C:2022:970, punt 38 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

31 Fir-rigward tal-klawżola kontenzjuża dwar l-iskadenza antiċipata tal-kuntratt ta' self personali fil-każ ta' nuqqas ta' ħlas, hija l-qorti tar-rinviju li għandha teżamina, *inter alia*, jekk il-possibbiltà mogħtija lill-kummerċjant li jiddikjara eżiġibbli l-ammont kollu tas-self tkunx tiddependi min-nuqqas ta' eżekuzzjoni min-naħa tal-konsumatur ta' obbligu essenzjali fil-kuntest

tar-relazzjoni kuntrattwali inkwistjoni, jekk din il-possibbiltà tkunx prevista għall-każijiet fejn tali nuqqas ta' eżekuzzjoni jkun gravi biżżejjed fid-dawl tat-tul u tal-ammont tas-self, jekk l-imsemmija possibbiltà tkunx tidderoga mir-regoli ta' dritt komuni applikabbli fil-qasam u jekk id-dritt nazzjonali jew klawżola fil-kuntratt ikunux jagħtu lill-konsumatur mezzi adegwati u effettivi li jippermettulu jevita l-applikazzjoni ta' klawżola ta' skadenza antiċipata jew jirrimedja l-effetti ta' din tal-aħħar (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-26 ta' Jannar 2017, Banco Primus, C-421/14, EU:C:2017:60, punt 66).

32 Fil-punti 47 u 48 tas-sentenza tal-25 ta' Jannar 2024, Caixabank (Preskrizzjoni għar-rimbors tal-ispejjeż ipotekarji) (C-810/21 sa C-813/21, EU:C:2024:81), il-Qorti tal-Ġustizzja essenzjalment iddeċidiet, fir-rigward ta' terminu ta' preskrizzjoni, li, minn naħa, sabiex jitqies konformi mal-prinċipju ta' effettività, dan it-terminu kellu jkun biżżejjed, fil-prattika, sabiex jippermetti lill-konsumatur iħejji u jippreżenta rikors effettiv sabiex jinvoka d-drittijiet li huwa jislet mid-Direttiva 93/13 u li, min-naħa l-oħra, il-konsumatur kellu jkollu l-possibbiltà li jkun jaf id-drittijiet tiegħu qabel ma tali terminu jibda jiddekorri jew jiskadi.

33 F'dan il-każ, mit-talbiet għal deċiżjoni preliminari jirriżulta li l-obbligu li ma eżegwixxewx il-konsumaturi kkonċernati, jiġifieri r-rimbors tal-pagamenti mensili tas-self, huwa essenzjali fil-kuntest tar-relazzjoni kuntrattwali inkwistjoni, kif ukoll gravi biżżejjed fid-dawl tat-tul u tal-ammont tas-self. Id-domandi tal-qorti tar-rinviju huma limitati għall-evalwazzjoni tan-natura adegwata u effettiva tat-terminu ta' xahar mogħti lil dawn il-konsumaturi sabiex tiġi evitata l-applikazzjoni tal-klawżola ta' eżiġibbiltà immedjata tas-somom dovuti taħt il-kuntratt ta' self jew sabiex jiġu rrimedjati l-effetti tagħha.

34 Fil-fehma tal-qorti tar-rinviju, din il-klawżola tikkorrispondi għal dispożizzjoni legali nazzjonali applikabbli għall-kuntratti ta' self iggarantit b'ipoteka fuq beni immobbli għal użu residenzjali jew li l-għan tiegħu jkun l-akkwist ta' tali beni. Din il-klawżola tfittex għalhekk li tistabbilixxi bilanċ bejn id-drittijiet u l-obbligi kollha tal-partijiet taħt dan it-tip ta' kuntratti. Din id-dispożizzjoni, jiġifieri l-Artikolu 24(1) tal-Liġi 5/2019, tipprevedi li l-iskadenza antiċipata tista' sseħħ biss kemm-il darba l-mutwant ikun ta lill-mutwatarju żmien ta' mill-inqas xahar sabiex jirrimedja n-nuqqas ta' ħlas ikkonstatat.

35 Għaldaqstant, sabiex jiġi evalwat jekk il-mezz mogħti lill-konsumatur sabiex jevita l-eżiġibbiltà antiċipata tas-self jew sabiex jirrimedja l-effetti tagħha jkunx adegwat u effettiv, il-qorti tar-rinviju tista', fil-kuntest tal-analiżi globali tagħha tal-eżistenza ta' żbilanċ sinjifikattiv bi ħsara tal-konsumatur li klawżola ta' skadenza antiċipata tkun tista' toħloq, utilment tieħu inkunsiderazzjoni, b'mod partikolari, il-fatt li t-terminu għar-regolarizzazzjoni jkun biżżejjed, fil-prattika, sabiex il-konsumatur ikun jista' jwettaq it-tranżazzjoni ta' ħlas mitlub. F'dan ir-rigward, l-eżistenza ta' dispożizzjonijiet fil-leġiżlazzjoni nazzjonali li jkunu jipprevedu, fil-kuntest ta' relazzjonijiet kuntrattwali simili, tali terminu affavur il-mutwatarju hija partikolarment rilevanti.

36 Fid-dawl tal-premess, huwa konċepibbli li qorti nazzjonali tista' tikkunsidra li terminu ta' xahar mogħti lill-konsumatur permezz ta' klawżola ta' skadenza antiċipata għall-ħlas tas-saldu tas-self, liema terminu jibda jiddekorri b'effett minn intimazzjoni mibgħuta mill-mutwant, jikkostitwixxi mezz adegwat u effettiv li jippermettilu jevita l-applikazzjoni ta' din il-klawżola jew jirrimedja l-effetti tagħha.

37 Konsegwentement, ir-risposta għat-tieni domanda għandha tkun li l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 93/13 għandu jiġi interpretat fis-sens li, għall-finijiet tal-evalwazzjoni dwar jekk klawżola ta' skadenza antiċipata f'kuntratt ta' self tkunx inġusta jew le, hija l-qorti nazzjonali li għandha tivverifika n-natura adegwata u effettiva tal-mezzi li jippermettu lill-konsumatur jevita l-eżiġibbiltà antiċipata tas-self jew jirrimedja l-effetti tagħha, billi tieħu inkunsiderazzjoni, b'mod partikolari, jekk it-terminu mogħti lilu sabiex iwettaq il-ħlas mitlub tas-somom li jkunu għadhom dovuti taħt il-kuntratt ta' self ikunx biżżejjed fil-prattika. F'dan ir-rigward, l-eżistenza ta' dispożizzjonijiet fil-leġiżlazzjoni nazzjonali li jkunu jipprevedu, fil-kuntest ta' relazzjonijiet kuntrattwali simili, tali terminu affavur il-mutwatarju jkun fattur partikolarment rilevanti.

Fuq l-ispejjeż

38 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li għandha tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **L-Artikolu 3(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur**

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

għall-finijiet tal-evalwazzjoni dwar jekk klawżola ta' skadenza antiċipata f'kuntratt ta' self personali tkunx inġusta jew le, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni li din il-klawżola tkun tippermetti lill-konsumatur jevita l-eżiġibbiltà antiċipata tas-self jew jirrimedja l-effetti ta' din tal-aħħar, mingħajr ma din il-possibbiltà jkollha għalfejn tkun prevista f'dispożizzjoni legali nazzjonali li tkun tapplika speċifikament għall-kuntratti ta' self personali.

2) **L-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 93/13**

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

għall-finijiet tal-evalwazzjoni dwar jekk klawżola ta' skadenza antiċipata tkunx inġusta jew le, hija l-qorti nazzjonali li għandha tivverifika n-natura adegwata u effettiva tal-mezzi li jippermettu lill-konsumatur jevita l-eżiġibbiltà antiċipata tas-self jew jirrimedja l-effetti tagħha, billi tieħu inkunsiderazzjoni, b'mod partikolari, jekk it-terminu mogħti lilu sabiex iwettaq il-ħlas mitlub tas-somom li jkunu għadhom dovuti taħt il-kuntratt ta' self ikunx biżżejjed fil-prattika. F'dan ir-rigward, l-eżistenza ta' dispożizzjonijiet fil-leġiżlazzjoni nazzjonali li jkunu jipprevedu, fil-kuntest ta' relazzjonijiet kuntrattwali simili, tali terminu affavur il-mutwatarju jkun fattur partikolarment rilevanti.

Firem